**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 397/2018**

Il-Pulizija

vs

**Jesmond Gatt**

Iben Gaetano, imwieled Pieta' fis-06 ta' Marzu 1970, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0211370(M)

Illum, 26 ta' Frar 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Jesmond Gatt quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) akkużat talli fl-14 ta' Marzu 2015 għall-ħabta ta' 15:10 minn banka tal-lottu numru 8 li tinstab fi Triq id-Duka t'Edinburgh fil-Ħamrun, (in suċċint) ikkommetta r-reati ta':

1. Serq kwalifikat bil-vjolenza, valur u mezz ai termini tal-Artikoli 261(a)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali;
2. Riċettazzjoni ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
3. Pussess mhux ġustifikat ta' flus, oġġetti, eċċ., minn persuna ġa ikkundannata għal serq jew għal riċettazzjoni ai termini talArtikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali;
4. Arrest illegali kwalifikat ai termini tal-Artikoli 87 u 87(c)(e) tal-Kodiċi Kriminali;
5. Inġurji u theddid kontravvenzjonali ai termini tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali;
6. Pussess ta' strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenza tal-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-Artikoli 6 u 51 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Biża li ser tintuża vjolenza kontra persuni ai termini tal-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali;

8. Offiża ta' natura ħafifa fil-konfront ta' Francesco Del Volto Santo Pizzuto ai termini tal-Artikoli 214 u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali.

   Il-Qorti ġiet mitluba wkoll : -

   a. Tordna l-konfiska tal-oġġetti eżibiti nonche l-iskwalifika milli l-ħati jkollu jew jottjeni liċenza għall-armi għal żmien ta' mhux anqas minn tliet snin;
   b. Toħroġ ordni ta' protezzjoni fil-konfront tal-vitma Francesco Del Volto Santo Pizzuto ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali;
   c. Tipprovdi għas-sigura ta' Francesco Del Volto Santo Pizzuto ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 et seq tal-Kodiċi Kriminali;
   d. Tordna lill-ħati li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;
   e. Tqis lill-ħati bħala li huwa reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Ottubru 2018 li wara li rat l-artikoli msemmija mill-Avukat Ġenerali, jiġifieri l-artikoli 261(a)(b), 262(1)(a)(b)(2), 263, 274(c), 275, 276A u 277(b) tal-Kodiċi Kriminali; l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali; l-artikolu 287 tal-Kodiċi Kriminali; l-artikoli 86 u 87(c)(e) tal-Kodiċi Kriminali; l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali; l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali; l-artikoli 214, 215 u 221 tal-Kodiċi Kriminali; l-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 56 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali; l-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kodiċi Kriminali; l-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, sabet lil Jesmond Gatt, reċidiv f'delitti, mhux ħati tas-seba' imputazzjoni u minnha illiberatu minn kull ħtija u piena filwaqt li fuq l-ammissjoni ta' ħtija inkondizzjonata reġistrata minnu fl-atti sabitu ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u għalihom ikkundannatu għall-perjodu t'erba' snin priġunerija flimkien ma multa ta' mija u sittax il-ewro sebgħa u erbgħin ċenteżmi (€116.47). Inoltre, ordnat l-konfiska tal-oġġetti eżibiti nonche l-iskwalifika milli l-ħati jkollu jew jottjeni liċenzja għall-armi għal żmien ta' tliet snin; u dan peress li dan ir-reat, fil-fattispecie tal-każ ma jistax jitqies li huwa legalment sostenibbli in kwantu fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju l-Avukat Ġenerali akkużah taħt l-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali (li jeħtieġ li jkun

hemm *course of conduct* u li kien kompletament nieqes f'dan il-każ) mentri semmai l-Avukat Ġenerali kellu jakkużah taħt l-Artikolu 251(3) tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti ma qisitx li jkun ġust li l-imputat jiġi kastigat ta' reat li ġie imputat lilu bi żball, anke jekk huwa ammetta għalih ukoll, u dan peress li r-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali ma ġiex integrat. Ordnat il-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni fil-konfront tal-vittma Francesco Del Volto Santo Pizzuto ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali u dan għal perjodu ta' tliet snin. Stante li ħarġet ordni ta' protezzjoni favur Francesco Del Volto Santo Pizzuto astjeniet milli tagħmel ordni ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 et seq tal-Kodiċi Kriminali; Ikkundannat u ordnat lill-ħati li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali fl-ammont ta' €1281.53.

Rat ir-rikors tal-appellant, Jesmond Gatt, ippreżentat fil-15 ta' Ottubru, 2018, fejn talab lil din l-Qorti jogħġobha għar-rigward is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fil-konfront tiegħu, billi fl-ewwel lok iżżomm ferm u konferma fuq il-fatt li l-imsemmija Qorti ta' Prim Istanza sabitu mhux ħati tas-seba' akkuża, u għar-rigward l-imputazzjonijiet l-oħra billi tħassar, tirriforma, u tilliberah minn kull ħtija u piena jew alternattivament billi jiġi kkundannat għall-piena jew pieni alternattivi li ma humiex dawk ta' natura karċerarja.

Rat l-aggravji mreaaqa mill-appellant Jesmond Gatt.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semgħet il-provi.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi għalkemm fir-rikors tiegħu ta'l-appell, l-appellant jitlob lil din il-Qorti tilliberah minn kull ħtija w piena, madanakollu l-uniku lment minnu ventilat fl-imsemmi rikors huwa marbut unikament mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti u dan wara li huwa ammetta għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu. Illi fid-dawl ta' tali ammissjoni, li ma ġietx minnu rtirata, l-Qorti tqies illi m'għandhiex għalfejn tinoltra ruħha f'ġudizzju dwar il-mertu tal-kaz billi kien fid-dawl ta'l-ammissjoni nkondizzjonata reġistrata mill-appellant fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2017 illi l-Ewwel Qorti sabitu ħati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati għajr ghas-seba' imputazzjoni li ma rriżultatx ippruvat mill-provi kkumpilati u li għalhekk l-Ewwel Qorti ġustament illiberatu minnha.

Illi l-appellant ġie ikkundannat għal perijodu ta' erba snin priġunerija u multa ta' €116.47 mill-Ewwel Qorti. Jisħaq illi din il-piena kienet waħda wisq ħarxa u dan għaliex ma tindirrizax il-problema akuta li huwa afflitt minnha ta' dipendenza fuq id-droga. Fuq kollox huwa jieħu ħsieb lil ommu li hija għal kollox dipendenti fuqu u għalhekk piena karċerarja effettiva ċertament ser toħloq ċertu piz u tbatija fuqu u fuq il-familja tiegħu. Jikkontendi illi piena alternattiva għal dik tal-priġunerija effettiva hija aktar konduċenti għar-riforma tiegħu u għalhekk jissuġġerixxi lil din il-Qorti li tirriforma il-piena erogata u minflok jinhareġ Ordni ta' Trattament abbinat ma' Ordni ta' Superviżjoni bħala il-piena l-aktar idonja u xierqa fiċ-ċirkostanzi.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant ġie mixli bir-reat ta' serq aggravat bil-vjolenza, mezz u valur minn fuq persuna tal-eta' ta' 81 sena. Il-vittma li kien jaħdem gewwa banka tal-lottu minn fejn seħħet is-serqa ġie aggrediet permezz ta'sikkina. Inoltre l-appellant huwa persuna

reċidiva b'fedina penali piuttost ikkulurita u voluminuża li tindika ħajja kaotika u ta' kriminalita' li tmur lura saħansitra għas-snin tmenin. Illi huwa indubitat għalhekk illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda li taqa' fil-parametri tal-liġi u tqarreb ħafna lejn il-minimu bil-piena kif maħsuba fl-artikolu 274(c) tal-Kodiċi Kriminali ta' bejn sentejn u ħames snin priġunerija għandha tiżdied minn grad sa tnejn peress illi ġiet kommessa fuq persuna anzjana, oltre iż-żieda fil-piena minħabba illi l-aggravju tal-vjolenza huwa akkompanjat b'aggravanti oħra u finalment bil-piena tista' tiżdied aktar billi l-appellant huwa reċidiv.

Illi jidher li l-Ewwel Qorti kienet ben konxja tal-problema tad-droga li l-appellant ilu għal zmien twil maħkum minnha, tant illi anke tħejja *Pre-sentencing report* mill-Uffiċjal tal-Probation, Matthew Fleri Soler, li identifika l-fatturi kollha determinanti fil-ħajja tal-appellant u li l-istess appellant jindika lil Qorti bħala dawk li ghandhom iwassluha sabiex teroga piena alternattiva għal dik tal-priġunerija effettiva, fosthom il-bżonn li jiġi rijabilitat biex joħroġ mill-vizzju tad-droga u l-fatt illi ommu anzjana hija dipendenti fuqu. L-Uffiċjal tal-Probation jistabbilixxi fir-rapport minnu imħejji illi l-appellant ilu dipendenti fuq id-droga  sa mill-eta' ta' erbatax-il sena u li din il-problema sa dak in-nhar tal-kompilazzjoni tar-rapport kienet għadha waħda attwali. Dan x'aktarx għaliex l-appellant mhuwiex qed juri ebda motivazzjoni sabiex joħroġ mill-vizzju li ilu jaħkimlu ħajjtu sa minn żgħożitu. Abbinat ma' dan, u x'aktarx bħala konsegwenza ta' snin twal ta' abbuż, illum l-appellant huwa afflitt mill-marda tal-iskizofrenija. L-appellant baqa' jikkometti reati ġodda u  lanqas huwa interessat li jsib impjieg biex forsi isib xi stabbilita' f'ħajjtu.

Illi fil-mori tal-appell il-Qorti semgħet ix-xiehda ta' Dr. Anthony Dimech, psikjatra li ilu isegwi lill-appellant għal dawn l-aħħar għaxar snin. Minn din ix-xiehda ma jirriżultax illi kien hemm xi tibdil fil-ħajja tal-appellant tant illi sa ftit taż-żmien ilu kien għadu jiġi ammess b'mod regolari bħala pazjent ġewwa l-isptar Monte Karmeli. Igħid hekk Dr. Dimech :

> « **Nikkonferma li s-sur Gatt għandu kundizzjoni ta' saħħa mentali severa li tinkludi kemm psikożi kif ukoll l-użu ta' sustanzi psiko-attivi li jikkawżaw ħsara fil-moħħ u ngħid ukoll li matul is-snin wieħed jista' japprezza** ***deterioration*** **fil-*****cognitive function*** **tiegħu ….** »

Igħid il-psikjatra Dimech li l-appellant ibati minn *Chronic Relapsing condition* fl-aktar forma severa tagħha biex b'hekk huwa ma jistax iżomm ruħu 'il bogħod mis-sustanzi. Dan isarraf fil-bżonn ta' kura intensiva f'post fejn l-aċċess għas-sustanzi jkun wieħed minimu jew ineżistenti, bħal sptar. Illi minħabba l-kundizzjoni ta' saħħa mentali tal-appellant, il-psikjatra Dimech huwa tal-fehma illi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga jista' jkun kontra-indikat billi sabiex jidħol għal dan il-programm il-kura permezz tal-*Methadone* jrid jitwaqqaf, kura li madanakollu l-appellant irid neċessarjament jibqa' jirċevi għaliex din il-mediċina tgħin sabiex il-moħħ jiffunzjona b'mod aktar stabbli.

Illi dan kollu jfisser illi piena alternattiva għal dik tal-priġunerija ma tistax tgħin lill-appellant fir-rijabilitazzjoni tiegħu u għalhekk ma hemm ebda mottiv li jista' igiegħel lil din il-Qorti titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti li erogat piena ta' priġunerija effettiva. Dan iż-żmien ta' inkarċerazzjoni għandu jiġi utilizzat mill-appellant sabiex ifittex l-għajnuna li tiġi pprovduta minn ġewwa il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga darba għal dejjem u fejn ikun jista' jingħata l-kura kollha meħtieġa għal mard ta' natura mentali li huwa afflitt minnu kaġun ta' snin twal ta' abbuz kontinwu mill-istupefaċenti.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, tgħaddi għalhekk biex tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, b'rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin illi l-appellant jinżamm ġewwa it-Taqsima Forensika tal-Ħabs fl-isptar Monte Karmeli sabiex minn hemmhekk ikun jista' jkompli jirċevi l-kura li għandu bżonn għal kundizzjoni ta' saħħa mentali li huwa afflitt minnha.

Tordna komunika ta′ din s-sentenza lid-Direttur tal-Faċilita′ Korrettiva ta′ Kordin.

Edwina Grima

Imhallef